# Il-*Gozo Action Group Foundation qiegħda toħroġ is-* sejħa għall-Miżura 4 – GAG 4 - ‘*Rejuvinating Gozo*’ taħt il-programm LEADER 2014-2020

Il-Fondazzjoni *Gozo Action Group Foundation* (GAGF) tħabbar li ħarġet is-sejħa għall-proposti, għall-miżura 4 taħt il-programm LEADER 2014 - 2020. Din l-Azzjoni tifforma parti mill-istrateġija għall-iżvilupp Lokali ta’Għawdex u Kemmuna.

L-Azzjoni ser ttejjeb il-faċilitajiet u s-servizzi f’Għawdex sabiex ittejjeb il-kwalità tal-ħajja taż-żgħażagħ u il-familji żgħażagħ, u b’hekk tikkontribwixxi biex iżżomm il-ħiliet u għar-riġenerazzjoni demografika u kulturali fil-gżira t’Għawdex. Għal din is-sejħa, ġew allokati **€342,900 ta’ fondi pubbliċi.**

Il-Benefiċjarji eliġibbli għal fondi taħt din il- miżura għandhom ikunu sħubija bejn Kunsilli Lokali, Għaqdiet mhux Governattivi u Operaturi fil-Kummerċ. Kull applikant għandu ikun magħmul minn mill-inqas tliet (3) entitajiet, li jkopru mill-inqas tnejn mill-kategoriji msemmija.

Se tiġi organizzata laqgħa ta’ informazzjoni fuq din il-miżura nhar il-Ħamis, 17 t’Ottubru, 2019 fil-11:30am fil-*Gozo NGO Centre*, Triq il-Madonna tar-Rummiena, ix-Xewkija, Għawdex.

Din is-sejħa tiftaħ nhar it-Tnejn, 21 t’Ottubru, 2019. L-ewwel sett ta’ applikazzjonijiet jintlaqa’ sal-Ġimgħa, 15 ta’ Novembru, 2019 f’nofsinhar. Kull kjarifika mill-applikanti għall-ewwel sett ta’ applikazzjonijiet, għanda tasal għand il-GAGF sa mhux iktar tard mil-Ġimgħa, 08 ta’ Novembru, 2019.

It-tieni sett ta’ applikazzjonijiet jintlaqa’ sal-Ħamis, 19 ta’ Diċembru, 2019 f’nofsinhar. Kull kjarifika mill-applikanti għat-tieni sett ta’ applikazzjonijiet għanda tasal għand il-GAGF sa mhux iktar tard mil-Ħamis, 12 ta’ Diċembru, 2019**. It-tieni sett tal-applikazzjonijiet jintlaqa’ biss diment li jkun għad fadal fondi disponibbli mill-ammont allokat għal din is-sejħa.**

L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fl-uffiċji tal-Gozo Action Group Foundation, 23, Triq G.P.F. Agius De Soldanis, Victoria, Għawdex, VCT 1032. Iktar informazzjoni tista’ tinkiseb billi jċempel fuq 2155 0322 jew b’email info@leadergozo.eu. Applikazzjoni u linji ta’ gwida jistgħu jitniżżlu minn: www.leadergozo.eu.

**Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi tard ma jiġux aċċettati.**

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014–2020**

LEADER

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

Rata ta’ Ko-finanzjament:

75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta’ Malta

**Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**

***L-Ewropa Tinvesti f’Żoni Rurali***